MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 753/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**V**

**OMISSIS**
**EUCHARIST BALDACCHINO**
**DENNIS THORNTON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **EUCHARIST BALDACCHINO** ta' sebgha w hamsin sena, bin Emanuel u Carmena nee Bonnet, imwieled il-Belt Valletta nhar d-dsatax ta' Jannar 1946 u residenti Block H, Flat 5, Housing Estate, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 94946M u **DENNIS THORNTON** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Emanuel u Maria Lourdes nee Balzan, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Jannar 1978 u joqghod St. Albans Court, Flat 3, Triq r-

Rosa, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 62178M, gew mressqa quddiemha akkuzati talli fit-tmienja ta' Settembru 2003 ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija fil-Belt Valletta, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, xewwxu jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar illi hekk migbura, bil-hsieb li jaghmlu reat;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resiztenza bi vjolenza jew b'hekk ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita komnpetenti;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddew jew ghamlu offiza fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe hsara voluntarja fuq diversi premjijiet u trofej kif wkoll diversi hsarat ohra fuq il-moll liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin u dan ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qalu fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen liema kliem kien jikkonsisti f'espressjonijiet ta' dagha;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva, fixxklu jew indahlu fid-dmirijiet tal-Pulizija jew ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi kien ordnat jew li setgha jaghmel;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti datat disgha ta' Settembru 2003 sabiex din il-kawza tigi mmexxija bi procedura sommarja.

Rat li l-imputati ma kellhom oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u dan fis-seduta tad-disgha ta' Settembru 2003 u cioe dakinhar tal-presentata u dan in linea ta' dak li jiddisponi l-artikolu 370(3)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat in linea generali:

Illi l-Qorti tirrileva li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li trid tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputati huma veru u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** Vol. III pagna 234 Kap IV Ediz. 1890:
*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit"*

Ta min jfakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzjoni hu dak l-grad li ma jhalli ebda dubbju <u>dettat mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda <u>ombra</u> ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u> u bl-applikazzjoni tal-boun sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hamsa ta' Dicembru 1999*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** li ccitat b'approvazzjoni l-ispjiegazzjoni moghtija minn ***Lord Denning*** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions [1974] 2 AU E.R. 372** tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*."

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha fost affarijiet ohra stqarret li l-fatt li l-imputati kienu presenti waqt ic-celebrazzjonijet u sussegwentement waqt l-incidenti li nqaghu jfisser li kienu kopartecipi.

Dwar din l-asserzjoni gratuwita il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Gunju 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Sayed Dawood Abd el Kaader** fejn fakkret dak li qal ***Lord Normad fil-kawza fl-ismijiet Teper v The Queen*** [1952] AC 480, 489 fejn intqal li:

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Fil-fatt, kif gie deciz fil-kawa fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Farrugia** nhar ***t-tlieta ta' Marzu 2000 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***:

*"Hija dejjem il-<u>Prosekuzzjoni li trid tipprova</u> l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u <u>sal-grad tal-konvinciment morali</u> tal-gudikant."*

Il-Qorti semghet diversi Ufficjali tal-Pulizija fosthom is-Supretendent Carmelo Magro, l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud, PC 1259 Mario Galea u PC 942 Saviour Chircop u minn ezami tax-xhieda taghhom il-maggor parti tal-akkuzi ma jirizultawx lanqas remotament.

Illi dan il-fatt jinkwieta hafna lil Qorti li bniedem jigi mressaq quddimeha akkuzat b'numru kbir ta' akkuzi, hafna minnhom dwar vjolenza u theddid fuq Ufficjali Pubblici principalment Ufficjali tl-Pulizija u dwar reati kontra s-sigurta pubblika u hsara lil proprjeta, f'dan il-kaz ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, meta in realta hafna minn dawn l-akkuzi lanqas biss jirrizultaw remotament u ghalhekk qatt ma messhom inghataw.

Il-Qorti tinnota li f'kaz ta' htija dawn l-akkuzi li gew moghtija fil-konfront tal-imputati odjerni kienu jgibu piena ta' prigunerija u ghalhekk qatt ma messhom inghataw lil imputati odjerni ghaliex minhabba f'hekk mal-presentata l-imputati lanqas biss inghataw l-liberta provizorja. Il-Qorti ma tista qatt taccetta li f'kaz bhal dan li originarjament beda b'disgha akkuzati kkellu jkun hemm akkuzi identici ghad-disgha akkuzati jekk il-partecipazzjoni taghhom kienet definittivament differenti mill-bidu nett.

Illi almenu pero l-Qorti nnotat b'lealta' li l-Ufficjal Prosekutur odjern minnufih u cioe fil-bidu tat-trattazzjoni tieghu, stqarr li fil-fehma tieghu, salv ghal akkuzi ta' attruppament u l-kontravenzjonijiet kontra l-ordni pubbliku ma jirrizultawx ppruvati.

Illi ghalhekk il-Qorti sejra biss tittratta fuq r-reat ta' attruppament kif previst fl-artikolu 68(1) u (7) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u filt-tieni lok fuq l-kontravenzjonijiet kif prospettati fl-artikolu 338 (dd), 338(bb) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghar-rigward tar-reat t'attruppament f'dan l-istadju jinhtieg isriu s-segwenti riflessjonijiet ta' natura legali.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni t'attruppament, jew ahjar assemblea illegali, il-**Professur Mamo** fin-***Noti tieghu a fol 17*** jelenka l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reat in dezamina. Huwa jelenka s-segwenti:

a. the taking of an active part in an assembly;
b. formed of ten or more persons;
c. with the object of committing an offence.

Illi ghalhekk, in linea wkoll mas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Marzu 1993*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Borg et**, il-Qorti trid tkun sodisfatta mill-analizi tax-xhieda mismugha li l-persuni akkuzati:

1. attivament ippartecipaw f'gemgha ta' nies;
2. li f'din il-gemgha fin-numru kienet tikkonsisti f'aktar minn ghaxra minn nies u
3. li l-iskop uniku ta' din il-gemgha kien dak li jippartecipaw f'reat wiehed jew aktar.

Illi di fatti, "*Non si richiedono ne convezioni prestabilite, ne' conseni espressi, ne ordine di gerarchie o di disciplina fra gli attruppati*." [ibid. p. 17] biex jissusisti dan r-reat, u huwa biss sufficjenti li "*Una riunione anche fortuita di dieci persone almeno, collo scopo di commettere un reat, delitto o contravenzione che sia.*" [ibid. p. 17] (ara wkoll Police v Carmelo Saliba et - Vol. XVIII pt. IV - pagna 39 u s-sentenzi hemm citati).

Illi in oltre, kif sostniet ben tajjeb il-***Qorti tal-Appell Kriminali*** [li ghal konfront taghha ccitat wkoll is-sentenza **Il-Pulizija v Bonnici** - Vol. XXVIII, IV, 783] fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Farrugia et datata sitta ta' Mejju 1976**.

*"L-element intenzjonali tar-reat t'attruppament anke fil-forma mhux aggravata tieghu, cioe il-'common design' jew 'purpose' kriminu li jikkonverti l-gemgha minnn wahda innocenti ghal wahda illegali, b'dan li kif wkoll hu kostantement accetat fl-interpretazzjoni ta' dana l-artikolu tal-Kodici dik l-intenzjoni 'to committ an offence' trid tkun tal-gemgha stess u mhux ta' l-individwu izolat."*

Issa mill-provi prodotti zgur li ma jirrizultawx dawn l-elementi. Illi l-ligi taghna timponi fuq il-Prosekuzzjoni l-obbligu li tipproduci l-aqwa prova biex b'hekk il-gudikant ikun jista jasal sal-konvizjoni oltre d-dubbju ragjonevoli.

Il-Qrati taghna dan sostnewh regolarment [ara fost ohrajn sentenzi moightija mill-***Qorti tal-Apell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Bonello** ***deciza nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 1986***, **Il-Pulizija v Joseph Chetcuti** ***deciza nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1987***, **Il-Pulizija v Emanuel Galea** ***deciza nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 1988.***]

Illi f'dan il-kaz b'dispjacir kbir il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-provi kollha li kellha f'idejha bhal per ezempju il-videos li allegatament gew mehuda waqt l-incidenti.

Huwa minnu li l-Prosekuzzjoni stqarret li l-imputati odjerni ma dehrux fih pero xorta l-obbligu tal-Prosekuzzjoni hu li <u>tressaq kull prova favur u kontra</u> l-akkuzat, kif provdut fl-artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-***Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza taghha nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Lulju 2000*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Sammut**, wkoll eleborat fuq l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tressaq "*il-provi kollha li tkun gabret fuq r-reat*." Skond s-sub artikolu 1 tal-artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kliem '*kull informazzjoni ohra li jista jkollha dwar r-reat.*" Fis-sub artikolu 2 tal-istess artikolu l-obbligu tal-Pulizija Ezekuttiva li johrog mill-artikolu 365(1) tal-Kap 9 hu li jharrek ix-xhieda sew ghall-akkuza kif wkoll ghal imputat, biex jidhru quddiem il-Qorti tal-Magistrati necessarjament jimplika jew li hemm proceduri gudizzjarji quddiem dik il-Qorti jew li jkunu ser jinbdew dawk il-proceduri. F'tali sitwazzjoni il-Pulizija Ezekuttiva hi obbligata li tharrek dawk ix-xhieda <u>li tkun taf bihom</u> u li jistghu jaghmlu prova favur l-imputat, kif wkoll li tharrek kull persuna ohra li tigi talvolta indikata mill-imputat bhala xhud in difesa.

F'dan il-kaz, il-Pulizija m'ghamlitux, lanqas ittentat tressaq lil ko-akkuzati li kellhom il-kaz taghhom deciz sabiex jikkorroboraw dak li, fil-fehma taghhom, kien gie allegat.

Il-Qorti hi biss rinfaccata b'xhieda ta' Ufficjali tal-Pulizija li kwazi kollha qalu li ma raw lil imputati jaghmlu xejn, salv li

kien hemm xi Ufficjal tal-Pulizija u cioe PC 942 Chircop li qal li ra lil imputat Dennis Thornton, fuq dghajsa tat-tlielaq bil-wieqfa jindirizza lin-nies li kienu fl-art u jghid kliem fis-sens 'morru ghan-nies tal-Marsa li dahlu go fina' u lis-Supretendent Carmelo Magro jghid li ra lil imputat Eucharist Baldacchino barra l-kancell mhux mal-gemgha tal-attivisti partitarji tal-Belt, jghid kliem fis-sens 'ifthuli biex nidhol'.

Illi mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija jirrizulta li fuq in-naha l-ohra tal-kancell dak il-hin, ma kien hemm hadd mill-partitarji izda biss ufficjali u ghalhekk il-boun sens jiddetta li l-imputat Eucharist Baldacchino zgur ma qalx hekk biex jxewwex xi gemgha nies biex jaghmlu xi reat.

Illi l-imputati ghazlu li jixhdu ghalkemm ma kienux obbligati.

L-imputat **Dennis Thornton spjiega** li huwa fl-ebda hin ma nizel l-art ghaliex huwa qaddief u qaghad fuq d-dghajsa tul l-incident kollu u b'hekk zgur ma jistax jinghad li kien f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar.

L-imputat **Eucharist Baldaccino stqarr** li kellu jghaddi minn hemm u cioe fejn kien hemm l-kancell ghaliex kellu l-vann tax-xoghol tieghu ipparkjat fuq in-naha l-ohra tal-kancell. Illi l-imputat Eucharist Baldaccino kien distanti bejn tletin w erbghin metru boghod minn fejn kienu hemm t-tazzi u ghalhekk il-Qorti tistaqsi, jista b'xi mod jinghad sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat xewwex xi gemgha minn din id-distanza w in oltre meta tkellem, ma min tkellem ghax ma kien hemm ebda partitarji?

Illi l-Qorti tirrrileva kif fil-fatt gie rilevat fis-sentenza moghtija nhar ***l-ghaxra ta' Lulju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi**, li fil-kamp penali dak li hu possibbli li jigri jew li possibbli li jista jigri, mhux prova ammissibbli. Il-provi li trid tiddecidi fuqhom il-Qorti huma dawk biss li jirrizultawlha fl-atti u kongetturi ta' fatti mhux ammessi. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputati ma humiex hatja u dan taghmlu billi bil-prova taghha twassal lil min irid

jiddecidi sa dak il-grad ta' konvinciment morali bla dubbju dettat mir-raguni. Minn naha tal-Prosekuzzjoni, allegazzjonijiet ta' x'setgha gara, probabilitajiet jew possibilmenti ma jikkostitwu ebda prova valida. Mill-banda l-ohra, l-imputati prezunti nnocenti m'ghandhom jippruvw xejn izda jekk jhossu li ghandhom jippruvaw xi haga, dan jistghu jaghmluh anke jekk jaslu sal-grad ta' probabbli.

L-imputat **Dennis Thornton spjiega** li huwa minnu li kien bil-wieqfa fuq id-dghajsa jghajjat lejn il-kumitat jipprotesta ruhu ghaliex d-dghajsa tal-Marsa kienet dahlet fid-dghajsa tieghu u cioe tal-Belt u ghalhekk hass ruhu aggravat w imweggha u talab l-assistenza w l-intervent tal-Kumitat tal-Festi Nazzjonali.

Illi dwar din l-ispjiegazzjoni moghtija mill-imputat il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi fin-nuqqas ta' prova ohra konfliggent, ghandha temminha fl-intier taghha.

Illi dwar il-kontravenzjonjiet ta' ksur ta' paci pubbllika u talli qalu kliem mhux xieraq fil-pubbliku, il-Qorti rat li fil-konfront tal-imputat Eucharist Baldacchino, ma hemm ebda ndikazzjoni li huwa ghamel hekk.

Pero fir-rigward tal-imputat Dennis Thornton, il-Qorti ghandha s-segwenti kummenti x'taghmel.

Kif tista l-Prosekuzzjoni tallega illi l-imputat Dennis Thornton kiser il-paci pubblika meta mix-xhieda taghha stess jirrizulta li kien hemm coas kbir tant li diversi numru ta' tazzi ntefghu l-bahar u kien hemm hafna glied fuq l-art? Ghalhekk l-imputat sabiex jinstemgha li kien qed jipprotesta, bil-fors kellu jgholli lehnu u zgur li ma kienx l-lehen tieghu li kiser il-paci pubblika u ghalhekk din l-kontravenzjoni ma tirrizultax ppruvata.

Dwar il-kontravenzjoni l-ohra ta' kliem mhux xieraq konsistenti fi kliem oxxen, il-Qorti semghet lil PC 942 Chircop jghid b'certezza li l-imputat qal il-kelma li tibda b'ittra 'L……' Illi meta l-imputat xehed il-Qorti ma ghamel ebda referenza ghal din l-allegazzjoni u ghalhekk fic-

cirkostanzi li huwa kien jinsab fihom ta' rabbja, il-Qorti ma ghandhix dubbju li verament qal din il-kelma.

Illi ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 68(1)(2), 95(1), 96(b), 221(1), 325(a), 338(dd), 338(bb), 342 u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tiddikjara li ma ssibx lil imputati EUCHARIST BALDACCHINO u DENNIS THORNTON hatja tal-akkuzi kollha kif moghtija fil-konfront taghhom b'eccezzjoni ghal kontravenzjoni ta' kliem indicenti u oxxen fil-konfront tal-imputat Dennis Thornton.**

Dwar il-piena, il-Qorti rat li meta l-imputati tressqu l-Qorti taht arrest nhar d-disgha ta' Settembru 2003, huma m'inghatawx l-liberta provizorja u ghamlu tlett ijiem taht arrest preventiv ghaliex inghataw l-liberta provizorja nhar t-tnax ta' Settembru 2003 u ghalhekk fic-cirkostanzi, **il-Qorti thoss li l-imputat Dennis Thornton diga ha aktar mill-piena misthoqqa lilu u ghalhekk fic-cirkostanzi tiddecidi li tikkundannah ghal piena stabbilita fl-artikolu 7(2)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe canfira**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------